KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 473 (9-16)

It-Tnejn 2 ta' Ġunju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia (daħal fis-6.24pm)
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace (daħal fis-6.24pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Dominic Grech

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**473.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**473.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**473.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 472. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**473.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mill-Minuti.

**473.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**473.3.1** Is-Sindku rrefera għall-korrispodenza minn Infrastructure Malta dwar proġett pilota biex jiġu installati road studs tul Triq it-Tiġrija. Dan biex ikun hemm gwida lis-sewwieqa fi triq rurali. Hu qal li fir-rural qed jiġi evitat li jiżdied dawl minħabba light pollution. Ġie mitlub li t-triq titnaddaf mill-ħaxix qabel isir dan ix-xogħol, u wkoll li ssir il-linja bajda kontinwa fin-nofs. Is-Sindku semma l-periklu u d-diversi inċidenti rrapurtati fil-junction ta' Triq it-Tiġrija man-niżla ta' San Blas. Il-Kunsillier Albert Pace issuġġerixxa slow Signs man-niżla. Is-Sindku propona rumble strips minflok sleeping police u tabelli 'black spot' u 'concealed exit'. Hu talab li ssir l-applikazzjoni ma' TM.

**473.3.2** Żjara fil-Palazz tal-Verdala

Is-Sindku informa li fl-aħħar laqgħa mal-President ta' Malta f'San Anton, l-ET kienet stiednet lill-Kunsill għal żjara fil-Palazz tal-Verdala fejn qed isir restawr, biex jiġu murija x-xogħolijiet li għaddejjin, peress li l-Palazz jaqa' taħt il-konfini tas-Siġġiewi. Is-Sindku qal li qed nistennew data għaż-żjara.

**473.3.3** Tindif tal-bajja Għar Lapsi

Is-Sindku informa li minn Ġunju, id-Dipartiment tat-Tindif ser ikun qed jipprovdi beach-cleaner kuljum biex inaddaf il-bajja. Huwa qal li intalab li l-kunsill ikollu kuntatt tal-individwu biex ċertu problemi jiġu kkomunikati dirett miegħu. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li hu mportanti l-frekwenza tat-tbattil tal-bins kollha kemm ta' isfel u anka ta' ġol-park. Il-Kunsillier Albert Pace semma l-problema ta' rimi tal-loqom tas-sigaretti fil-blat u t-tgergir minn nies peress li jinżlu l-klieb u jkunu mingħajr ċinga u jħalluhom iħamġu. Is-Sindku talab li fuq l-Aġenda li jmiss tiġi inkluża item Għar Lapsi biex jiġu diskussi diversi issues.

**473.3.4** Vjal Kulħadd

Is-Sindku informa li s-survey tlesta. Imiss laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward xi modifiki li saru fuq il-proposta oriġinali. Il-laqgħa hija skedata għall-24 ta' Ġunju.

**473.3.5** Lattrina Girgenti

Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-lattrina tal-Girgenti mill-ħaddiema tal-Public Works mexa sew, il-madum twaħħal, is-sistema tad-dawl lesta ukoll u anka l-aperturi ġodda. Is-Sindku qal li ser isir uplift ukoll fuq barra tal-lattrina, tranġar tal-konok u tħawwil ta' siġar, u installazzjoni ta' bank u bin.

**473.3.6** Lattrina Pjazza San Nikola

Is-Sindku informa li l-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar miexi. Fil-jiem li ġejjin għandu jkollna l-permess mid-dipartiment tal-Artijiet. Il-Perit tal-Kunsill qed iħejji il-BOQ u nkunu nistgħu nibdew inħejju d-dokument għall-proċess ta' Procurement. Dan il-proġett huwa stmat mal-€250,000. Is-Sindku propona li għal dan il-proġett

jiġu utilizzati l-Urban Planning Funds. Is-Sindku informa wkoll li t-tiswijiet tal-lattrina eżistenti tlestew taħt skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, biex issa tinsab miftuħa għall-pubbliku.

**473.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**473.5 Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**473.5.1** Il-Viċi Sindku qal li l-istatistika tat-turiżmu fis-Siġġiewi ġiet riveduta u l-indicators jidher li ma jagħmlux sens, għalhekk ma nistgħux nibbażaw fuqha. Il-mappa tal-MTA qed isegwi l-andament li qed jieħu wisq fit-tul, issa ilhu għaddej xhur. Is-Sotto Kumitat Kultura qed jipproponu sett ta' lectures fuq il-kultura tar-raħal biex isiru għal Diċembru. Qed jaħdem ukoll għall-ħarġa kulturali li jmiss dawra fuq il-baħar ħdejn Filfla. Hu qal li saret riċerka biex inkunu nafu min jagħmel dawn il-ġiti peress li jinħtieġu diversi permessi speċifiċi għal Filfla. Hu qal li minn dawk disponibbili, il-prezz u dati tal-Azad huma l-iktar konvenjenti.

**473.5.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li għamlet żmien indisposta u għalhekk m'għandiex ħafna aġġornamenti. Hi qalet li l-bookings għall-korsijiet tas-Sajf mexjin. Qalet li għandna domanda dwar lezzjonijiet tal-għawm u qed tiċċekkja rigward lezzjonijiet offruti minn SkolaSajf jew opzjonijiet oħra.

**473.5.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li nhar il-Ħamis li ġej ser isir is-seminar informattivi dwar id-dimenzja. Qed jikkordina mas-supervisor tad-day centre rigward il-festin għall-anzjani fl-okkażjoni tal-festa. Hu qal li sar il-koordinament għat-tindif għal matul il-ġimgħa tal-festa kemm mal-kuntrattur tal-knis u anka ser jiġi provdut servizz extra għall-ġbir ta' skart għall-istabbilimenti u provduti skips għall-iskart separat. Hu qal li s-sena l-oħra sibna kollaborazzjoni sħiħa u parti mill-ispiża ġiet irkuprata mir-Reġjun peress li l-iskart miġbur kien separat kif suppost. Hu qal li l-mobile blood donation unit ser tkun is-Siġġiewi fis-7 ta' Settembru.

**473.5.4** Il-Kunsillier Albert Pace informa li talab 3 bankijiet ġodda lill-Awtorita' tat-Turiżmu biex jitqegħdu fuq il-pjattaformi tas-siment. Hu qal li ser jagħmel talba għal għaxra oħra biex jinbidlu ta' mat-triq għax qegħdin f'sitwazzjoni ħażina, u anka talba għall-bdil tal-bins.

**473.5.5** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm bżonn upkeep fil-ġonna. Hu rrefera għall-email li bgħat fuq Ġnien il-Ħajja. Hu qal li dan il-ġnien għandu bżonn refurbishment sħiħ u kunċett innovattiv għax kif qiegħed ma tara l-ħadd fih. Hu semma l-way forward għall-ftehim mal-Club tal-Football. Is-Sindku qal li l-ftehim qiegħed għandhom u qatt ma ġew lura. Il-Kunsillier Farrugia qal li qed jipproponu xi emendi fil-ftehim. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li jagħmlu kuntatt mal-kunsill dwar dan.

**473.6 Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**473.6.1 Proġett Reading Garden**

Is-Sindku qal li kien hemm xi emendi minimi fuq il-proġett oriġinali, fejn tnaqqsu xi passaġġi bil-konkos, u kien hemm bdil ukoll fuq materjal (geo-grid) biex jintużaw iktar materjali sostenibbli. Is-Sindku qal li sadattant ġie finalizzat il-kuntratt tal-infrastruttura biex eventwalment ikun jista' jibda x-xogħol.

**473.6.2 Aġġornament Kappella taċ-Ċwerra**

Is-Sindku qal li l-pożizzjoni tal-Kunsill trid tkun ċara mal-pubbliku li l-kappella mhix propjetà tal-Kunsill. Hu qal li l-kunsill qiegħed kontinwament jitlob aġġornamenti lill-Kurja dwar xi żvilupp, iżda jidher li l-applikazzjoni għall-permess neċessarju għadu ma ġiex sottomess. Hu qal li kellha ssir spezzjoni minn naħa tagħhom biex jitranġa l-

iscaffolding għal sigurta' u jsir it-tindif meħtieġ. Il-Kunsill ser ikompli isegwi.

**473.6.3** Xogħol fi Triq Salvu Borg Olivier
Is-Sindku qal li fadal xi xogħolijiet żgħar fil-family park biex dan jiġi inawgurat. Hu qal li d-data għall-inawgurazzjoni hija t-12 ta' Ġunju fl-10.00am. Sadattant, il-Kunsill għadu ma rċeviex il-ftehim, bl-emendi kif diskussi u allura r-responsabilta' għadha tal-INDIS. Rigward xogħolijiet minn IM, is-Sindku qal li jonqos tqegħid ta' cables tal-Enemalta fl-aħħar biċċa tat-triq lejn Tal-Għaqba biex imbagħad jingħata dik il-parti tal-wiċċ tat-triq. Fiż-żmien opportun, peress li issa daħal is-Sajf, jitħawlu is-siġar u arbuxelli fil-parti tat-triq faċċata tal-ġnien.

**473.6.4** Bankini
Is-Sindku informa li parti mill-bankina fi Triq Dun Manwel Zammit ser issir f'Ġunju minħabba permess minn TM. Il-bankini fi Triq il-Qiegħa u Ramija huma skedati għal Lulju/Awwissu.
Ser jibda wkoll il-bini mill-ġdid tar-roundabout żgħira fi Pjazza San Ġwann mill-Public Works, wara li l-Kunsill ikkummissjona s-survey. Qed isir ukoll is-survey tal-pavimentar madwar l-istatwa ta' San Nikola fil-Pjazza, u jiġi stabbilit kemm il-livell mat-triq u l-materjal li jrid jinġieb minn barra.

**473.6.5** Toroq Rurali
Is-Sindku informa li tlestew żewġ toroq oħra minn Infastructure Malta u mill-Public Works, trejqa fi Triq it-Tiġrija u sqaq fi Triq Bur il-Kbir. Qed jiġi proċessat il-permess minn Transport Malta għal Triq tal-Għaqba. Ix-xogħolijiet minn IM fit-triq Tal-Girgenti waslu fil-fażi finali fejn intuża il-porfido għal man-niżla biex jagħti dehra iktar rustika. Fit-trejqa ta' Santu Kristu tal-Għolja qed issir compaction u x-xogħol miexi wkoll. Sar ftehim biex max-xogħolijiet fi Triq il-Wied tal-Lewza jsiru water catchments għall-għelieqi mal-eżekuzzjoni tax-xogħol, bi qbil mal-bdiewa. Qed nistennew minn Infrastructure Malta li jibda x-xogħol fi Triq Blat Il-Qamar li kellu jsir fl-ewwel kwart tas-sena iżda għad ma hemmx indikazzjoni. Rigward proposta ta' pjan tat-traffiku f'din it-triq, ġiet ċirkolata il-pjanta lill-Kunsilliera.

**473.6.6** Il-Kunsillier Albert Pace staqsa biex niċċekkjaw x'sar mill-esproprijazzjoni biex jinfetħu Triq Ġużeppi Busuttil u Triq Patri Ġuże' Delia. Is-Sindku wieġeb li mill-aħħar informazzjoni mhix issir esproprijazzjoni ta' art, iżda irid ikun hemm żvilupp tal-istess art mis-sid.

**473.6.7** Xogħol fi Triq Dun Manwel Zammit
Is-Sindku qal li sal-aħħar ta' Ġunju għandha tkun lesta is-senjaletika fi Triq Dun Manwel Zammit għal aktar sigurta'. Ser isir ukoll refreshing tas-sinjali fi Triq Mons Mikiel Azzopardi.

**473.6.8** Tender tal-Lattrini – Evalwar
Is-Sindku talab lill-membri tal-bord tal-evalwazzjoni biex jipproponu data għall-evalwar ta' dan it-tender. Ġie maqbul is-6 ta' Ġunju f'nofsinhar.

**473.6.9** Tindif Widien
Is-Sindku qal li saret talba lil Projects Green għal tindif tal-widien kollha qabel is-sajf. Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li hemm bżonn li jinqata l-ħaxix fi Triq Tar-Remel u li jsiru mirja fil-junction int u nieżel mil-Lawrenti. Is-Sindku propona li isiru rumble strips fi Triq it-Tiġrija li huma iktar effettivi u jitwaħlu sinjali ta' Slow u Black Spot f'dik il-junction.

**473.7** **Festa San Nikola 2025**
Is-Sindku qal li l-loġistika għall-Festa miexja sew fejn qed jinħarġu l-permessi neċessarji. Hu qal li saru diversi laqgħat mal-awtoritajiet u issa jmiss laqgħa mal-istabbilimenti rigward it-tindif u ġbir ta' skart fejn ser ikunu preżenti wkoll il-pulizija minħabba r-reolamenti tal-imwejjed u siġġijiet u permessi għall-bars.

Is-Sindku qal li kellna problema mal-uffiċjali tas-sigurta' peress li r-rata tal-uffiċjali tal-Lesa għoliet drastikament u inġiebu stimi minn kumpaniji privati biex jassistu fil-punti ta' għeluq. Is-Sindku qal li rigward tindif ta' waqt u wara l-festa qed jikkoordina l-Kunsillier Charles Vassallo mal-amministrazzjoni.

**473.8** **Bollards proposti madwar iz-zuntier mill-PWD u diskussjoni fuq rotta tat-trasport pubbliku**

**473.8.1** Is-Sindku iċċirkola pjanta tal-proposta tal-installazjoni ta' bollards mad-dawra taz-zuntier. Hu qal li bħala prinċipju il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u talab lill-Kunsilliera jaraw il-pożizzjonar kif proposti, fejn ġew suġġeriti xi tibdiliet. Is-Sindku qal li nfurmat li l-parti ta' quddiem ser tkun magħluqa sal-Festa u l-ġnubijiet fejn għadu għaddej ix-xogħol ser ikun magħluq sew bil-barriers. Is-Sindku qal li qed jistenna risposta dwar it-tibdil fir-rotta tat-trasport pubbliku. Filwaqt li għadu kemm ġie infurmat li r-rotta l-ġdida ser tibda tiġi implimentata fit-13 ta' Lulju huwa qal li ma jaqbilx li jkun hemm tibdil mingħajr l-ebda konsultazzjoni ma' min juża s-servizz. Is-Sindku talab li jintalab meeting mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku u transport Malta għal konsultazzjoni, tiġi riveduta u kkonfermata ir-rotta l-ġdida u ssir laqgħa mar-residenti f'Lulju. Importanti wkoll li jiġi determinat ukoll il-post fejn ġejjin il-mus stops.

**473.9** **Suġġerimenti mill-Kunsill Lokali tat-Tfal**

Is-Sindku rrefera għall-punti ta' suġġerimenti imressqa mit-tfal. Huwa qal li jixtieqiu li is-sandpit tinbidel, minflokha ssuġġerew xi ħaġa iktar innovattiva. Issemma apparat ta' gym għat-tfal, u affarijiet fejn jistgħu isiru attivitajiet bħal outdoor chess, outdoor table tennis. Is-Sindku propona li jsir stħarriġ fuq apparat li haw fis-suq u nġibu stimi, biex inkunu nistgħu niproponuhom lill-kunsill Lokali tat-tfal u naraw x'jippreferu.

**473.10** **Tismija ta' toroq**

Il-Kunsill reġa ddiskuta il-proposta għall-isem tat-triq bejn is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ, u qal li jekk il-Kumitat Tismija ta' Toroq mhux jaqbel mal-isem proposta, għadha ssir laqgħa magħhom. Ma hemmx qbil li din it-triq tissemma triq iż-żewġ Granmastri.

**473.11** **Urban Improvement Funds (PA)**

Is-Sindku qal li l-proġett li l-kunsill kellu commitment ta' fondi UIF fuqu LCF/99/2018 -€215,650.84 tan-Night Shelter, ilu sospiż minħabba diversi problem li kien hemm fis-snin passati. Il-Kunsill kien irċievi pre-finanzjament ta' €64,695.25 li irid jitħallas lura lill-Awtorità tal-Ippjanar, flimkien ma' €5,175.62 imgħaxijiet (8% tal-fondi mħallsa) skont Artiklu 8 tal-kuntratt bejn iż-żewġ partijiet. Għalhekk, il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu minn dawn il-fondi, fejn issir applikazzjoni ġdida għall-proġett tal-lattrina ta' Pjazza San Nikola, li bħalissa qiegħed fi process ta' applikazzjoni mal-PA.

**473.12** **Każ 585 / 2021 – Cem Kofoglu vs l-Agenzija għal Infrastruttura malta et**

Is-Sindku irrefera għall-kopja ta' rapport tal-appell preparat mill-Avukat tal-Kunsill. Hu qal li l-appell ser jiġi preżentat din il-ġimgħa.

**473.13** **Reviżjoni tal-Budget**

Is-Sindku informa li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-accountant tal-kunsill fejn iddiskutew il-budget u spejjeż pjanati għaż-żmien li ġej. Huma talbu li ssir reviżjoni tal-budget, li tkun tirrifletti id-diversi committments ta' fondi, is-sentenza tal-każ tal-Qorti u fondi oħrajn biex ikun hemm stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

**473.14** **Kuntratt Planting Public Spaces LCS72/18**

Is-Sindku rrefera għall-kuntratt li skada f'Novembru. Hu qal li peress li kien hemm żieda fis-siti u anka l-valur tax-xogħol żdied, il-Kuntrattur qed jitlob li jestendi ż-żmien u qed jitlob żieda ta' elf (€1000) fix-xahar. Is-Sindku qal li għalkemm żdiedu s-siti iżda ir-riżorsi umani offruti mill-kuntrattur ma żdiedux, u lanqas l-ammont ta' xogħol

mogħti, għalhekk meta tikkunsidra li l-prezzijiet fis-suq f'4 snin m'għadhomx l-istess, propona li mmorru 'half way' u tingħata żieda ta' €500 fix-xahar sakemm isir il-proċess tal-procurement. Is-Sindku talab li jibda l-proċess minnufih, u jiġu inklużi is-siti l-ġodda.

**473.15** **Kwistjoni ta' tabelli tat-trakkijiet Triq l-Andar**
Is-Sindku qal li hemm numru ta' tabelli fit-toroq tal-Kirċippu li ilhom hemm snin, biex ma jidħlux vetturi goffi fi Triq Salvu Borg Olivier jew Ferdinand Hompesh. Hu qal li s-sitwazzjoni attwali qed tinħoloq diffikulta' peress li t-tabelli huma 'except to render a service' fis-sens vast tagħha. Allura, trakkijiet jistgħu jgħaddu: fi triqthom lejn barrieri, fejn tkun għaddejja kostruzzjoni, delivery u oħrajn li kollha jitqiesu bħala servizz. Is-Sindku talab li ssir diskussjoni u tiġi kkunsidrata jekk: it-tabelli għandhomx jinqalgħu, jinbidlu jew jinbidel il-post fejn qegħdin. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li din il-materja tiġi diskussa mal-pulizija.

**473.16** **Laqgħa Pubblika u Laqgħa għall-barranin residenti s-Siġġiewi**

**473.16.1** Is-Sindku qal li saret il-laqgħa pubblika annwali fejn l-attendenza kienet tajba ħafna. Hu qal li f'din il-laqgħa ġie preżentat ir-rapport amministrattiv tal-ħidma tal-kunsill, kif ukoll il-proġetti għas-sena li ġejja. Is-Sindku spjega wkoll l-allokazzjoni finanzjarja, il-provenjenza u kif tintefaq biex il-pubbliku jkun jaf l-ispiża tas-servizzi bażiċi li huma qed jirċievu. Fil-laqgħa il-Kunsillier Charles Vassallo għamel preżentazzjoni dwar is-servizzi tat-tindif, u statistika ta' ammont ta' skart li jinġabar fil-lokalita' u l-ispejjeż involuti. Ġew milqugħa wkoll suġġerimenti u kummenti tan-nies preżenti.

**473.16.2** Is-Sindku qal li għall-ewwel darba, saret laqgħa ta' 'merħba' lil residenti barranin. Hu qal li għal dawk li attendew, intlaqgħet tajjeb ħafna. Hu qal li ġew diskussi diversi punti, suġġerimenti u anka servizzi ġodda li jixtiequ jaraw. Ħareġ ukoll l-interess li għandhom lejn is-Siġġiewi u l-komunita' u biex ikunu involuti fid-diversi attivitajiet li jorganizza l-Kunsill. Is-sindku qal li tajjeb li laqgħat simili jkunu regolari u li nilqgħu iktar barranin, u ta' nazzjonalitajiet differenti.

**473.17** **Ġnien il-Ħajja – manutenzjoni**
Is-Sindku talab lill-Kunsillier Christopher Farrugia jispjega. Il-Kunsillier Farrugia qal li bgħat email b'diversi nuqqasijiet li hemm fi Ġnien il-Ħajja. Hu qal li dan il-ġnien mhux frekwentat u jissuġġerixxi li jsir xogħol fuqu biex tinbidel il-formazzjoni, u jkollu użu aħjar. Il-Kunsillier talab li jsiru it-tiswijiet meħtieġa. Is-Sindku qal li diġa qed isir it-tindif fil-ġnien, saret komunikazzjoni mal-kuntrattur tas-soft areas biex naraw x'hemm bżonn u wara li tgħaddi l-festa, il-ħaddiema tal-kunsill jara x-xogħol ieħor hemm li jista' jsir minnhom. Is-Sindku talab lill-Kunsillier Farrugia bħala responsabbli mill-ġonna biex jibqa jsegwi.

**473.18** **Unaudited Financial Accounts – End of Year 2024**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport finanzjarju tal-awditjar għas-sena 2024, li kien ġie ċċirkolat lill-kunsilliera. Hija tat spjega tal-proċess tal-awditjar u tar-rapport. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**473.19** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**473.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**473.19.2** PA3568/06 u PA7648/24 Ta' Brija Cemetery
Is-Sindku ta spjega tal-Policy dwar il-crematorium u l-applikazzjoni kif qed tiġi proposta. Hu qal li kunsill għandu jagħmel oġġezzjoni għall-parti mill-proġett kif qed jiġi preżentat, eskluż iż-żona tal-parkeġġ.

**473.19.3** Il-Viċi Sindku indika kunflitt ta' nteress f'applikazzjoni PA03109/25.

**473.19.4** Is-Sindku indika kunflitt ta' nteress f'applikazzjonijiet: PA02805/24, PA03210/25, RG0052/25, PA0048/25, PA05566/24, PA05969/24, PA08318/24.

**473.19.5** PA07598/21 – B'referenza, is-Sindku preżenta dokument li jinkludi rapport tal-Perit, korrispondenza mal-Ombudsman u petizzjoni riċevuti mis-sidien tal-Limestone Heritage. Is-Sindku qal li s-Sur Baldacchino, sid il-Limestone Heritage qed jitlob lill-Kunsill biex jagħmel is-sottomissjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar peress li kien il-main objector. Is-Sindku propona li dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu għand il-Perit tal-Kunsill u jekk hemm punti ta' natura ġenerali u mhux ta' interess partikolari għall-terzi, dawn jiġu sottomessi. Is-Sindku rrefera għall-petizzjoni u qal li fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill għandu jressaq l-opinjoni ta' 200/300 ruħ dwar din il-kwistjoni. Il-Kunsill unanimament qabel.

**473.19.6** Peress li kienu għaddew it-3 sigħat tas-Seduta, il-Kunsill unanimament approva li titkompla l-aġenda.

**473.20** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**473.21** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**473.22** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**473.23** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**473.23.1** Il-Kunsillier Albert Pace qal li bħalissa li hemm il-bajja ta' Għar Lapsi mingħajr dgħajjes minħabba il-filming li għaddej, ikun opportun li ssir tindifa tajba. Is-Sindku qabel li jiġu koordinat ħasil bil-bowser tal-area kollha. Hu qal li għandha ssir talba lill-aġenzija tal-filming biex jiffinanzjaw dan it-tindif.

**473.23.2** Is-Sindku qal li t-tindif rurali sejjer tajjeb ħafna u qed isir it-tindif tat-toroq skont work plan li jiġi mħejji. Hu qal li bħalissa huwa l-għar żmien fejn il-ħaxix beda jinxef u jikber u allura hemm kwantita' kbira ta' ilmenti dwar nuqqas ta' aċċessibilta' li impossibbli li jlaħħaq magħhom il-kuntrattur. Għalhekk, qed jipproponi li tinħareġ sejħa għal stima għal xogħol ta' tindif għal toroq speċifiċi, u ma taqbiżx ir-rata tal-kuntratt attwali. It-talba toħroġ b'limitu ta' żmien eżempju li x-xogħol irid jitlesta fi 3 ijiem.

**473.23.3** Il-Viċi Sindku semma l-problema tad-dawl f'Misraħ il-Vittmi tal-gwerra. Hu saqsa jekk instabitx xi soluzzjoni. Qal ukoll li l-arblu tal-bandiera ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi għandu bżonn manutenzjoni. Is-Sindku qal li kien kellem kumpanija biex tagħtina stima iżda ma kienx hemm risposta.

**473.23.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet li meta sar ix-xogħol infrastrutturali quddiem iċ-ċentru Santissima Trinita, kienu saru 3 toqob għall-arbli tad-dawl u l-arbli baqgħu ma sarux. Hi qalet li dawn it-toqob qegħdin perikolużi.

**473.23.5** Il-Kunsillier Charles Vassallo irringrazzja tax-xogħol ta' refreshing ta' marki tat-traffiku li saru fil-bypass u oħrajn.

**473.23.6** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 7 ta' Lulju 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |